**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Nru.: 39/2020 RM**

**Melanie Calleja**

(K.I. 291096M)

**-Vs-**

**Antonia k/a Tania Calleja** (KI 967M)

**Paul Calleja** (KI 384861M)

**Lucianne Schembri** (KI 568892M)

**Elaine Calleja** (KI 291196M) u b'digriet tas-17 ta' Novembru 2022 ġie ordnat il-korrezzjoni tal-kunjom 'Calleja' biex minflok, dan jiġi jaqra 'Carabott'

**Illum, 10 ta' Marzu 2025**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Melanie Calleja fir-Reġistru fl-10 ta' Marzu 2020 fejn talbet illi l-konvenuti:

1) Prevja dikjarazzjoni li l-istqarrija ippubblikata fost oħrajn fuq is-sit elettronika ta' ONE fil-25 ta' Frar 2020 kemm permezz ta' video, kif ukoll bil-kitba hija libelluża billi tikkontjeni allegazzjonijiet foloż u malafamanti fil-konfront tar-

rikorrenti u għandhom bħala skop li jtellfu u/jew inaqqsu r-reputazzjoni tar-rikorrent; u

2) Jiġu kkundannati jħallsuha dik is-somma li tiġi hekk likwidata bħala kumpens a tenur tal-Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta bħala danni morali flimkien ma' danni reali;

u dan għaliex wara li l-esponenti fetħet qalbha dwar il-vjolenza domestika li soffriet permezz ta' intervista li saritilha fuq ONE News, liema intervista kienet ippubblikata anke permezz tas-sit elettronika ta' ONE fiit-23 ta' Frar 2020;

Il-familja Calleja irreaġixxiet għal din l-intervista bi stqarrija, konsistenti f'attakk sfrenat kontra l-esponenti, li huwa mimli b'allegazzjonijiet invertieri, libellużi u malafamanti, li kjarament saru fi tkomplija tal-vjolenza domestika perpetrata kontriha (did-darba mhux privatament fid-dar kif seħħ għal snin twal, iżda fil-pubbliku) bi skop li jnaqqsu l-ġieħ ta' Melanie Calleja, jiskreditawha, u jissottomettuha fis-skiet. Din l-istqarrija kienet ippublikata fuq is-sit elettronika ta' ONE fil-25 ta' Frar 2020;

Ir-reazzjoni malafamanti ma hija xejn għajr użu tipiku tal-arma ta' "victim-blaming" ta' min irid isikket vittma ta' vjolenza domestika milli taqsam l-esperjenzi tagħha u tqajjem kuxjenza – billi jattakkaha, jivvinta qlajjiet dwarha, u jiżolaha, biex jilħaq l-iskop li jostor u/jew jiskuża l-aġir kriminali tiegħu;

Dan wara illi omm l-esponenti stess – Tania Calleja, saħansitra kienet instabet ħatja mill-Qorti (fil-15 ta' Mejju 2018) ta' theddid u inġurji fil-konfront ta' bintha l-esponenti, u ġiet impoġġija taħt Ordni ta' Trażżin rajt l-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali, liema ordnijiet għadhom fis-seħħ sal-lum.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta ppreżentata minn Antonia sive Tania Calleja, Paul Calleja, Lucianne Schembri u Elaine Calleja, fit-18 ta' Mejju 2020 fejn ġie eċċepit:-

*"1. Illi fil-mertu l-esponenti jirrilevaw illi t-talbiiet hekk kif dedotti mir-rikorrenti fil-konfront tagħhom huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom u dan peress illi mhuwiex minnu illi l-istqarrija ppubblikata fuq is-sit eletroniku ta' ONE fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) kemm permezz ta' mezz tal-video kif ukoll bil-mezz tal-kitba tikkontjeni allegazzjonijiet foloz u malafamanti fil-konfront ta' Melanie Calleja u ma kellhom l-beda skop li jtellfu u/jew inaqqsu r-reputazzjoni taghha.*

*2. Illi jigi rilevat illi l-attrici ma sofriet l-ebda danni morali u zgur li ma sofrietx danni morali kkagunati mill-allegat agir abuziv u rregolari tal-konvenuti;*

*3. Illi mhuwiex minnu illi l-intimati kkagunaw danni billi ghamlu stqarrijiet illi huma libelluzi u li jikkontjeni allegazzjonijiet foloz u malafamanti fil-konfront ta' Melanie Calleja u ma kellhom l-ebda skop illi jtellfu u/jew inqassu r-reputazzjoni taghha anzi tali stqarrijiet u kontenut huma veritieri u jirriflettu l-verita'.*

*4. Illi anzi kienet Melanie Calleja illi b'diversi kummenti u intervisti u artikoli illi gew ippubblikati jew imxandra illi ghamlet dikjarazzjonijiet u allegazzjonijiet illi huma totalment infondati u inveritieri li jikkostitwixxu u jikkontjenu allegazzjonijiet foloz malafamanti fil-konfront tal-esponenti;*

*5. Illi ghalhekk l-ebda ammont ma huwa dovut lir-rikorrent in linea ta' danni mill-esponenti;*

6. *Illi apparti minn hekk l-allegati dann hekk kif mitluba mir-rikorrenti jridu jigu ppruvati minnhom sal-grad rikjest tal-ligi u jrid ikun hemm ukoll il-prova tan-ness bejn l-allegati danni u l-esponenti;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri;*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti"*

Rat illi b'digriet mogħti fis-7 ta' Ottubru 2020, ġie deċiż li l-azzjoni ma tistax tiġi riżolta permezz ta' medjazzjoni u ġie ordnat li l-kawża tissokta bis-smigħ tal-provi;

Rat id-digriet mogħti fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2020 fejn ġie ordnat illi l-provi fil-kawża Rikors Numru 61/2020 jgħoddu bħala prova fil-kawża odjerna;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti;

Rat l-atti kollha;

Rat id-digriet tagħha mogħti fis-17 ta' Ottubru 2024 fejn estendiet it-terminu mogħti lill-attriċi biex tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi ppreżentat fit-13 ta' Novembru 2024;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-konvenuti, ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2025, ukoll kif awtorizzat;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Din hija azzjoni għal malafama, speċifikatament libell, minħabba stqarrijiet allegatament diffamatorji li ġew ippubblikati fuq is-sit elettroniku ta' ONE fil-25 ta' Frar 2020 permezz ta' kitba u filmat (Dok. B mehmuż mar-Rikors promotur).

Bħala sfond jingħad illi fit-23 ta' Frar 2020, ġie mxandar fuq l-istazzjon televiżiv One News, intervista li saret lill-attriċi Melanie Calleja, liema intervista ġiet ippubblikata wkoll fuq is-sit elettroniku ta' One News. F'din l-intervista, l-attriċi essenzjalment iddeskriviet l-ambjent ta' biża' li kien jirrenja fid-dar t'ommha u l-forom differenti tal-abbuż li kienet issofri flimkien mal-irqaqat dwar is-swat li kienet qalgħet mingħand ommha waqt l-inċident li wassalha biex titlaq mid-dar. Ippuntwalizzat li l-abbuż mhux neċessarjament jieqaf meta wieħed jitlaq mid-dar fejn ikun qed iseħħ dak l-abbuż u wara l-vjolenza mhux neċessarjament ikun hemm id ta' raġel.

In segwitu għall-pubblikazzjoni tal-intervista, il-konvenuti, ċioe' omm u missier Melanie Calleja, flimkien ma' ħutha Lucianne Schembri u Elaine Calleja (illum Carabott), irrejaġixxew permezz ta' stqarrija ta' ċaħda li ġiet ippubblikata fuq is-sit elettroniku www.onenews.com.mt fil-25 ta' Frar 2020. Din il-pubblikazzjoni qiegħda tiġi impunjata mill-attriċi fl-azzjoni odjerna bħala diffamatorja.

Fl-istqarrija, il-konvenuti, 'il-familja Calleja' saħqu li qatt ma saret ebda vjolenza fid-dar u kulħadd kien jgħix kuntent f'ambjent ta' imħabba u rispett u ddikjaraw li jinsabu mweġġgħin ħafna bl-aġir ta' Melanie fil-konfront tagħhom fejn "*spiċċaw vittmi tagħha*". Il-familja Calleja sostniet ukoll li Melanie minn dejjem kellha karattru diffiċli u ribelluża, teħodha kontra kull min jipprova jifthilha għajnejha, inkluż kontra tagħhom, bħalma għamlet meta pprovaw jagħtuha għajnuna professjonali għall-istat mentali tagħha, liema għajnuna hi kienet irrifjutatu.

B'mod speċifiku, missierha, Paul Calleja, stqarr li Melanie irribellat kontrihom u wriet ħafna mibgħeda lejhom minkejja li hu u martu kienu għamlu sagrifiċċji kbar għaliha u għal uliedhom l-oħra biex tawhom edukazzjoni sħiħa. Oħtha tewmija, il-konvenuta

Elaine Calleja stqarret speċifikatament illi kellha tgħaddi minn ħafna sitwazzjonijiet imbarazzanti minħabba oħtha fosthom xenati li kienet tagħmel "*biex tiġbed l-attenzjoni biex tasal għall-intenzjonijiet qarrieqa tagħha*"
Fil-qosor, it-teżi tal-attriċi hi li minn mindu kien għad kellha madwar ħames snin għexet ħajja infeliċi ħafna u mimlija biża' bħala vittma ta' vjolenza domestika fejn sofriet abbuż sistematiku konsistenti fi swat, inkluż daqqiet bil-lasta tal-ixkupa ġol-istonku tagħha u tiġbid tax-xagħar. Identifikat lil ommha Antonia Calleja bħala l-awtur prinċipali tal-vjolenza domestika u in sostenn ta' dan għamlet riferenza għall-proċeduri kriminali li kienu ttieħdu fil-konfront ta' ommha fuq rapport li Melanie Calleja stess kienet għamlet lill-Pulizija fis-6 ta' Frar 2018. Dan ir-rapport kien jikkonċerna incident li kien seħħ fit-3 ta' Jannar 2018 meta iltaqgħet ma' ommha u missierha, fil-presenza ta' Moira Aquilina u Joseph Aquilina, ġewwa l-Imġarr biex jipprovaw jirranġaw ir-relazzjoni ta' bejniethom. Ommha kienet ammettiet għall-akkużi dwar theddid u inġurji u kienet tpoġġiet taħt Ordni ta' Trattament biex tingħata għajnuna psikoloġika u kien inħareġ ukoll fil-konfront tal-istess ommha, Ordni ta' Trażżin għal tliet snin għall-protezzjoni tas-sigurta' tagħha.

L-attriċi kienet telqet mid-dar tal-ġenituri tagħha fil-11 ta' Ottubru 2015 meta kellha dsatax-il sena, wara li allegatament qalgħet xebgħa oħra mingħand ommha fi stadju meta r-relazzjoni ma' ommha kienet iddeterjorat tant illi ddeskrivietha bħala insapportabbli u ma setgħetx, allegatament, tkompli tgħix fid-dar tal-familja. Xehdet illi dakinhar li telqet mid-dar, ommha kienet qabditha minn xagħarha u sawtitha u ħeġġet ukoll lil oħtha l-kbira biex joqtluha, u flimkien bdew iqattgħulha l-ħwejjeġ b'imqass.

Xehdet ukoll speċifikatament dwar episodju ieħor fejn ommha kienet daħħlet lilha u lil oħtha Elaine fil-kamra fejn kellhom il-pjanu u l-kompjuter u tathom bil-lasta tal-ixkupa ġol-istonku, dan kollu għaliex hi kienet qabżet għal oħtha l-oħra li kienet ukoll qiegħda tiġi msawta minn ommhom. B'riżultat ta' din ix-xebgħa, ġarrbet marki fuq ġisimha bil-lasta tal-ixkupa.

L-attriċi ssostni li għadha qed tbati l-konsegwenzi tal-vjolenza domestika sal-lum – qalgħet ħafna xebgħat u qatt ma qalet xejn għaliex ipprovat taħbi "l-ħażen ta' ħaddieħor" biex tipproteġi lil ommha u ma ddaħħalhiex fl-inkwiet – l-ewwel darba li kixfet lil xi ħadd li kienet taqla' s-swat mingħand ommha kien lill-għarus tagħha Dalton Aquilina - meta qalgħet xebgħa u telqet mid-dar fil-11 ta' Ottubru 2015 lit-tabiba fiċ-Ċentru tas-Saħħa qaltilha li waqgħet it-taraġ iżda ma emmnithiex u bagħtet għall-Pulizija. Fix-xhieda tagħha fissret hekk: "*Meta tikber f'ċertu tip ta' ambjent inti tidra, tassatta. Speċjalment kont ta' eta' żgħira jiena għalija kienet xi ħaġa normali li ommi ssawwatni jekk ma tmurx xi ħaġa kif trid hi, jekk immur ħażin f'xi eżami jew xi ħaġa mhux kif togħġob lilha, jien kont drajt naqla' u allura drajt naddatta lili nnifsi għas-sitwazzjonijiet ...*"[1]

Dwar il-pubblikazzjoni tal-intervista, mertu tal-azzjoni idjerna, l-attriċi xehdet li hija aċċettat li tiġi intervistata għaliex dak iż-żmien kien għadu kif seħħ il-qtil ta' Chantelle Chetcuti liema qtil kienet xprunat fiha x-xewqa li toħloq iktar għarfien fis-soċjeta' dwar il-problema tal-vjolenza domestika billi tqassam l-esperjenza tagħha u tkun ta' għajnuna u appoġġ għal min seta' kien għaddej mill-istess problem u tħeġġu jiftaħ qalbu dwar l-abbuż u biex ma jaqtax qalbu. Sosniet ukoll illi ma kellha ebda diffikolta' biex tissemma b'isimha u b'ritratt tagħha fil-pubblikazzjoni tal-intervista għaliex filwaqt li ma kienx l-intenzjoni tagħha tnaqqas il-ġieħ tal-familja tagħha, riedet fuq kollox tikkontribwixxi għad-dibattitu dwar vjolenza domestika.

Min-naħa tagħhom il-konvenuti Calleja jiċħdu kategorikament li Melanie Calleja kienet tiġi msawta jew kienet il-vittma ta' vjolenza domestika u jinnegaw ukoll li fid-dar tagħhom kien iseħħ xi xorta' ta' abbuż jew vjolenza domestika. Speċifikatament ċaħdu li Antonia Calleja jew Lucianne Schembri kienu aggredew li Melanie u sawtuha fil-11 ta' Ottubru 2015 meta telqet mid-dar. Fix-xhieda tagħhom quddiem il-Qorti huma jagħtu verżjoni kompletament differenti minn dik tal-attrċi dwar dak li seħħ fil-

[1] Xhieda ta' Melanie Calleja, in kontro-eżami, paġna 487.

11 ta' Ottubru 2015 iżda ma jiċħdux illi dakinhar kien seħħ argument bil-ġlied u ma jikkontestaw lanqas illi Melanie telqet mid-dar wara dak l-argoment u qatt ma reġgħet marret tgħix magħhom. Jaqblu wkoll li waqt dan l-episodju, Joe Aquilina, missier l-għarus ta' Melanie dak iż-żmien, kien ċempel lil Paul Calleja. Madankollu, il-konvenuti jsostnu illi waqt dan l-argoment, li kien beda għaliex Melanie riedet tmur tiekol għand l-għarus tagħha, Melanie bdiet issabbat bil-ponn fuq il-mejda, tgħajjat b'mod esaġerat f'wiċċ ommha u missierha u tgħid li riedet titlaq mid-dar. Saħqu wkoll li Melanie bdiet iddur mad-dar taqla' l-ħwejjeġ minn ġol-kxaxen u tieħu affarijiet li kienu ta' ħutha u mhux tagħha, u f'ħin minnhom kienet ħebbet għal ommha billi qabditilha xagħarha u bdiet tagħti bil-ponn fuq sidirha u għawġitilha idejha lura biex ma teħodhilhiex il-hard disk li ma kienx tagħha iżda riedet tieħdu magħha. Ġie allegat li Antonia Calleja bdiet tibki bl-uġigħ li kellha f'idha u dak il-ħin kienet indaħlet biex tferraqhom Lucianne Calleja iżda qalgħet daqqiet bis-sieq u bil-ponn mingħand Melanue[2]. Il-konvenuti saħqu wkoll li Melanie bdiet ukoll twiddibhom biex joqogħdu attenti għaliex dak li jgħidu kienet ser tużah kontrihom fil-qorti.

Ikkunsidrat;

Illi din l-azzjoni li sfortunatament tirrappreżenta svolta oħra fir-relazzjoni infeliċi ġia' eżistenti bejn l-attriċi, li tiġi bint il-konvenuti Antonia Calleja u Paul Calleja, u oħt il-konvenuti l-oħra.

Il-Qorti tqis b'mod ġenerali illi l-pubblikazzjoni ta' stejjer fejn isiru allegazzjonijiet ta' vjolenza domestika, senjatament f'kuntest ta' relazzjoni bejn ġenitur u wild jew relazzjoni konjugali, fejn l-awtur tal-vjolenza jiġi identifikat, anke indirettament tramite l-identifikazzjoni tal-vittma u r-relazzjoni tagħha mal-awtur, hija għażla infeliċi ferm. Għad illi l-materja tal-vjolenza domestika hija ta' interess pubbliku ġenerali u qatt ma jonqos il-bżonn li jiżdied l-għarfien fis-soċjeta' dwar din il-forma

[2] Ara ritratti Dok. LS1 tal-ġrieħi li sostniet Lucianne Calleja allegatament waqt l-inċident tal-11 ta' Ottubru 2015.

ta' abbuż, biex il-vittmi jiġu mħeġġa biex jirrapportaw u biex ma jaqtgħux qalbhom, l-identifikazzjoni tal-awtur tal-vjolenza domestika u l-iżvelar ta' fatti oħrajn li ma jagħtu ebda kontribut reali lill-element ta' interess pubbliku tal-pubblikazzjoni, jagħmlu biss ħsara, joħolqu diffikoltajiet u weġgħat bla bżonn sempliċement biex jiġi sodisfatt il-bżonn ta' sensazzjonaliżmu, u jista' wkoll jitqies bħala ġornaliżmu irresponsabbli. Madankollu, fl-istess waqt għandu jingħad illi l-fatt li l-pubblikazzjoni fl-intier tagħha jew f'parti minnha tista' ma tkunx dwar materja ta' interess pubbliku ma jfissirx neċessarjament li l-pubblikazzjoni hija malafamanti.[3]

Huwa inkontestat kif ukoll sinjifikanti ferm illi l-istqarrijiet allegatament libellużi saru b'risposta għal u biex jiġu miċħuda allegazzjonijiet li saru mill-attriċi nnifisha fil-konfront tal-istess konvenuti waqt intervista mxandra fuq ONE News u pubblikat ukoll fuq is-sit elettroniku www.one.com.mt biss jumejn qabel, fit-23 ta' Frar 2020. L-attriċi nnifisha tafferma dan meta fir-Rikors promotur qalet li "*Il-familja Calleja* [il-konvenuti] ***irrejaġixxiet għal din l-intervista bi stqarrija*** *konsistenti f'attakk sfrenat kontra l-esponenti, li huwa mimli b'allegazzjonijiet inveritieri, libellużi u malafamanti* ..."

F'din l-istqarrija ippubblikata b'rejazzjoni għall-pubblikazzjoni tal-intervista tal-attriċi fuq One, il-konvenuti iddikjaraw bla tlaqliq il-pożizzjoni tagħhom fir-rigward tal-pubblikazzjoni bl-allegazzjonijiet ta' vjolenza domestika u rribattew l-allegazzjonijiet b'mod sħiħ.

Mhux kompitu tal-Qorti f'din azzjoni biex tiddeċiedi jekk l-attriċi kellhiex raġun tagħti l-intervista lil One News u tippubblika l-istorja tagħha bħala vittma ta' allegat vjolenza domestika, jew jekk il-fatti rapportati minnha f'dik l-intervista humiex veritjieri, foloz jew żbaljati. **Din l-azzjoni tikkonċerna unikament l-istqarrija allegatament diffamatorja li ġiet ippubblikata mill-konvenuti fuq is-sit elettroniku www.onenews.com.mt fil-25 ta' Frar 2020**.

[3] "*It is no part of the court's function to penalise a defendant for sloppy journalism – still less for tastelessness of style*": **Turcu v News Group Newspapers Ltd** [2005 EWHC 799 (QB) [105] and [111] per Eady J.

L-azzjoni odjerna lanqas mhi dwar il-jedd tal-attriċi li tesprimi ruħha dwar l-esperjenza tagħha ta' vjolenza domestika mingħajr ma tiġi vilifikata u attakkata mis-soġġett tal-pubblikzzjoni tagħha, iżda hija dwar il-jedd tal-konvenuti li jesprimu ruħhom fl-istqarrija li ġiet ippubblikata b'rejazzjoni għall-pubblikazzjoni tal-intervista li tat l-istess attriċi lil One News, u dwar jekk din l-istqarrija hijiex diffamatorja għaliex tikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attriċi.

Għandu jingħad ukoll illi l-azzjoni għall-malafama għandha tfalli jekk ma jintweriex illi l-konvenuti permezz tal-pubblikazzjoni tal-istqarrija tagħhom, ikkaġunaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attriċi u għalhekk, l-uniku stħarriġ li għandu jsir mill-Qorti f'din il-kawża huwa maħsub għad-determinazzjoni dwar jekk l-imputazzjonjiet li jitnisslu mill-istqarrija tal-konvenuti ippubblikata fil-25 ta' Frar 2020, ikkaġunawx jew fihomx il-propensita' li jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attriċi, Melanie Calleja.

**L-imputazzjonjiet li jinftiehmu minn din l-istqarrija pubblikata, huma faċilment identifikati u ma jħallu lok għal ebda ekwivoku: l-attriċi hija persuna ingrata u qarrieqa bi problemi mentali li jeħtieġu għajnuna professjonali, iġġib ruħha ħażin u b'nuqqas ta' rispett lejn ommha u missierha u hija wkoll giddieba.**

Dawn l-imputazzjonijiet jitnisslu mis-segwenti kliem:

"*... il-familja kollha ppruvat tagħtiha għajnuna professjonali u h rrifjutata. Il-membri tal-familja tagħha dejjem qagħdu attenti kif jaġixxu magħha minħabba l-istat mentali tagħha, għalkemm ġew attakkati u malafamat kemm il-darba.*"

"*... Melanie kontinwament toħloq xenati u drama biex tiġbed l-attenzjoni biex tasal għall-intenzjonijiet qarrieqa tagħha.*"

"*... ma jafux għalfejn qed turi din il-mibgħeda kollha lejhom.*"

"*Il-familja Calleja tinsab verament imweġġa' b'dan l-aġir tagħha u tgħid li spiċċaw kollha vittmi tagħha.*"

Bla dubju ta' xejn, dawn huma imputazzjonijiet li għandhom tifsira malafamanti għaliex huma imputazzjonijiet serji li jattakkaw il-karattru morali u jaddebitawlha kondotta ħażina u diżonesta u bħala tali huma kapaċi jikkaġunaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna li lilhom ikunu indirizzati.

Skont Gatley:

*"It has been held defamatory to write of someone that he has been guilty of oppressive, intolerant, insulting, reprehensible, threatening or unbrotherly conduct, or of a breach of duty or that his actions are motivated by revenge when he asserts other motives, or that he is a 'heartless, rude bastard'; or to impute 'any dishonourable conduct to another though not involving a breach of positive law.*"[4]

In kwantu, imbagħad, il-prova dwar l-impatt ta' ħsara sejra li l-imputazzjonijiet diffamatorji ikkaġunaw jew jistgħu potenzjalment jikkaġunaw, il-Qorti tibda biex tosserva illi fin-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentat għall-attriċi, ġie sottomess illi "*l-esponenti lanqas flus ma trid minn din il-kawża – trid biss illi tingħata sostenn fil-jedd tagħha li tqajjem awareness, għax spiss, nies li jgħaddu milli għaddiet hi jibqgħu jsofru fis-silenzju, għax jibżgħu li jekk jitkellmu jisfaw vilifikati; b'din il-kawża Melanie tixtieq turi illi mhuwiex sewwa illi għax hi kisret is-silenzju, ħaddieħor jivvilifikaha, jgħajjarha, jivvinta affarijiet fuqha jew inkella jagħmlilha libell biex isikkitha*."

Fil-fehma tal-Qorti, jekk l-attriċi m'hijiex interessata fil-ħlas ta' danni morali biex jagħmlu tajjeb għall-ħsara kkawżata lir-reputazzjoni tagħha, diffiċilment tista' tiġġudika a favur tagħha meta f'din l-azzjoni hija msejħa biex tiddikjara jekk l-

---

[4] Gatley *ibid.* – 2.28. page 66.

istqarrijiet ippubblikati mill-konvenuti jikkaġunawx ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attriċi u tillikwida per konsegwenza, id-danni morali b'kumpens għal malafama.

Madanakollu, fl-istess waqt il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi fix-xhieda tagħha l-attriċi kienet fissret illi l-istqarrija pubblikata mill-familja tagħha kellha impatt ta' ħsara serja fuq ir-reputazzjoni tagħha għaliex tilfet opportunitajiet ta' xogħol minħabba l-pubblikazzjoni ta' dik l-istqarrija. Għalkemm hija naqset milli tissostanzja din l-allegazzjoni, uriet illi tfittxija ta' isimha fuq Google ittella' qabel kollox ir-risposta pubblikata mill-konvenuti bl-imputazzjonijiet malafamanti u in sostenn ta' dan ipproduċiet fl-atti kopja stampata tat-tfittixija fuq Google (Dok. MC1). Fuq kollox, huwa stabbilit illi l-istqarrijiet impunjati ġew ppubblikati fuq news portal elettroniku li huwa mezz tal-mass midja li tnissel inferenza ta' pubblikazzjoni wiesa' lil udjenza sostanzjali.

Dan kollu magħdud huwa biżżejjed fil-fehma tal-Qorti biex jissodisfa r-rekwiżit tal-prova ta' impatt ta' ħsara sejra lir-reputazzjoni tal-attriċi bil-pubblikazzjoni tal-istqarrija tal-konvenuti.

Ikkunsidrat;

Fir-Risposta tagħhom il-konvenuti eċċipew illi l-istqarrijiet m'humiex malafamanti – liema eċċezzjoni kif ġie appena stabbilit, hija ħażina - u saħqu wkoll fir-raba' paragrafu tar-Risposta illi "*kienet Melanie Calleja illi b'diversi kummenti u intervisti u artikoli li ġew ippubblikati jew imxandra illi għamlet dikjarazzjonijiet u allegazjonijiet illi huma totalment infondati u inveritieri u jikkontjenu allegazzjonijiet foloz u malafamanti fil-konfront tal-esponenti*". Il-Qorti fehmet illi b'din l-eċċezzjoni tal-aħħar, il-konvenuti jenfasizzaw illi, kif ġie eċċepit fit-tielet paragrafu tar-Risposta, l-istqarrija tagħhom m'hijiex waħda libelluża li tikkaġuna danni lill-attriċi għaliex saret bi tweġiba jew b'rejazzjoni għall-pubblikazzjoni u xandir ta' dikjarazzjonijiet foloz u malafamanti fil-konfront tagħhom mill-attriċi nnifisha.

Għalhekk jinħtieġ li l-pożizzjoni tal-konvenuti tiġi eżaminata mill-ottika tal-ġurisprudenza in materja tad-diffamazzjoni f'każijiet fejn l-istqarrija malafamanti tkun ġiet pubblikata b'risposta għal dikjarazzjoni malafamanti li tkun ġiet ippubblikata preċedentement mill-persuna aggravata nnifisha.

Il-*jus retorquendi* hija difiża valida rikonoxxuta mill-qrati purche' jiġi eskluż id-*dolo*, u fejn id-difiża tintlaqa', min ikun irrejaġixxa bi stqarrija malafamanti huwa eżenti mill-konsegwenzi legai għall-malafama, ċioe' għall-ħlas tad-danni. Il-prinċipju li ġie konsistentement addottat mill-Qrati taghna f'materja ta' ritorsjoni, anke qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama fl-2018, huwa li r-ritorsjoni tista' tinnewtralizza jew tiskuża l-malafama jekk il-malafama tkun tikkonsisti f'rejazzjoni għal malafama li saret fil-konfront tiegħu. Fir-rigward ġie ritenut illi:
j
"*biex ikun ammess id-dritt ta' ritorsjoni f'materja ta' ingurja mhux mehtieg illi l-ingurja ribattuta tkun tal-istess gravita' bhal dik ricevuta. Id-dritt ta' ritorsjoni jirrikjedi zewg kundizzjonijiet indispensabbli, wahda illi jkun hemm ingurja precedenti, u l-ohra illi min jirritorci ikollu l-animu li jiddefendi ruhu u mhux li joffendi*".[5]

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Lino Spiteri MP vs Raymond Bugeja et**[6] intqal hekk fir-rigward id-duttirna tal-*ius ritorquendi*:

"*f'dawn ic-cirkostanzi Argus kiteb l-artikolu fil-limiti imposti mid-dritt ta' ritorsjoni, cioe' bl-animu mhux tant li jinġurja, iżda biss li jiddefendi l-unur tieghu li kien gie attakkat mill-attur*".

Dan hu sinjifikanti għaliex diversament mid-dritt tar-risposta taħt l-artikolu 15 tal-Kap. 579, l-imħarrek li jinvoka l-*jus retorquendi* m'huwiex marbut li jillimita l-istqarrija responsiva tiegħu għal korrezzjoni, spjegazzjoni jew kontradizzjoni tal-fatti

[5] **Joseph Orlando v. Avv. Dottor Enrico Mizzi**; Kollezz. Vol. XXIX.I.843, deciza fl-1 ta' Frar 1937.
[6] Cit. 925/89.

u li ma jżidx sottomissjonijiet ta' opinjoni differenti. Lanqas m'hu marbut li jassigura li r-risposta ma tkunx malafamanti.

Madanakollu, biex jibbenefika mill-jedd ta' ritorsjoni, il-konvenut f'azzjoni għal malafama jeħtieġlu juri li l-istqarrija tiegħu ġiet ippubblikata b'risposta kontra l-pubblikazzjoni ta' attakk fuq ir-reputazzjoni tiegħu, lil persuni interessati, u jrid juri wkoll li d-dikjarazzjonijiet tiegħu fil-pubblikazzjoni huma relevanti għall-materja u fuq kollox saru bl-iskop li jiddefendi r-reputazzjoni tiegħu u mingħajr malizzja: mankanti wieħed minn dawn l-elementi id-difiża ma tistax tirnexxi.

Dan il-kunċett ġie żviluppat b'iktar reqqa mill-qrati Ingliżi bħala wieħed mill-aspetti tad-difiża ta' dikjarazzjoni li ssir f'okkazjoni privileġġjata, rikonoxxut bħala prinċipju assodat fil-liġi tad-diffamazzjoni.

Gatley[7], fil-kummenti tiegħu dwar dan l-aspett tal-prinċipju ta' dikjarazzjonijiet li jsiru f'okkażjonijiet privileġġjati, jgħid hekk:-

"*... a person whose character or conduct has been attacked is entitled to answer such attack, and any defamatory statements he may make about the person who attacked him will be privileged, provided they are published bona fide and are fairly relevant to the accusations made*."[8]

Dan il-prinċipju, li huwa analogu għall-*jus ritorquendi* rikonoxxut espressament mill-qrati tagħna, jikkonċedi lill-persuna li jħoss li r-reputazzjoni tiegħu ġiet inġustament attakkata bil-pubblikazzjoni ta' imputazzjonijiet malafamanti, il-privileġġ li jwieġeb għall-imputazzjonijiet magħmula fil-konfront tiegħu permezz ta' tweġiba li tiġi ppubblikata bħala att ta' leġittima difesa bil-ħsieb li tirribatti l-imputazzjonijiet malafamanti u tattakka l-kredibbilita' ta' min beda l-attakk. Fir-rigward, Collins ifisser li dan il-privileġġ huwa disponibbli fl-okkażjoni ta' attakk fuq il-karattru,

---

[7] **Gatley on Libel and Slander**. 2013 Ed.
[8] *Ibid*. 14.51, p. 596.

kondotta jew interessi ta' persuna, fejn dik il-persuna ikollha "... *an interest in responding to that attack in the requisite sense, and those to whom the attack was published have a corresponding interest in receiving the person's response to the attack.*"[9]

Illi l-Qorti trid tissenjala illi għalkemm huwa minnu li din id-difiża m'hijiex komtemplata espressament mil-liġi fl-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579), kif rajna din id-difiża hija rikonoxxuta fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħha bħala *jus ritorquendi* u ġiet rikonoxxuta wkoll mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza riċenti fl-ismijiet **Saviour Balzan v. Ivan Camilleri**[10]. F'kull każ, l-artikolu 4(6) tal-Att jirrikonoxxi kwalunkwe difiża oħra li twassal għaċ-ċaħda tal-azzjoni għal malafama.

Dan jipprovdi:

*Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu, fi kwalunkwe azzjoni ta' malafama taħt dan l-Att, il-konvenut għandu d-dritt li jissottometti bħala difiża kull raġuni għall-mitigazzjoni ta' danni kif ukoll kwalunkwe talba li, jekk tiġi aċċettata, twassal għaċ-ċaħda tal-azzjoni u l-konvenut jista' jissottometti talbiet li l-pubblikazzjoni mhijiex malafamanti u li l-fatti msemmija huma veri u, jew li kwalunkwe opinjoni espressa hija opinjoni onesta. Is-sottomissjoni ta' talba bħal din ma teskludix oħra awtomatikament.*

Din il-linja ta' difiża hija rikonoxxuta wkoll fl-insenjament tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-interpretazzjoni tagħha tal-jedd fondamentali sanċit mill-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni. Fil-fatt, fil-każ **Sanocki v. Poland**[11], il-Qorti Ewropea rikonoxxiet id-dritt tal-applikant li jiddefendi ruħu permezz ta' risposta pubblikata fil-midja, kontra attakk fuq il-kondotta tiegħu b'allegazzjonijiet fost oħrajn ta' amministrazzjoni ħażina ta' fondi pubbliċi. Il-Qorti Ewropea riteniet li l-pubblikatur tal-allegazzjonijiet kellu jistenna rejazzjoni mingħand is-soġġett tal-kritika tiegħu,

[9] **Collins On Defamation**: Matthew Collins QC, 2014 Ed., 11.22 p. 233.
[10] Deċiż 10 ta' Mejju 2023.
[11] Deċiż 17.7.2007 App. 28949/03.

anke jekk ikun persuna fil-politika, u rikonoxxiet illi l-jedd tal-liberta' tal-espressjoni ma jeskludix li din ir-risposta tista' tkun fiha wkoll skont il-każ, ċertu doża ta' provokazzjoni u esaġerazzjoni kif ukoll stqarrijiet li huma malafamanti[12].

*61. Toutefois, la Cour considère qu'il ne résulte pas de ce qui précède que l'homme politique doit voir sa liberté de répondre à ces critiques restreinte.* ***Il doit pouvoir présenter son point de vue et se défendre lorsqu'il considère que les publications mettant en cause sa personne sont mensongères et pourraient induire en erreur l'opinion publique sur sa façon d'exercer le pouvoir****.*

… … …

*68. …* ***Certes désobligeantes, dans le contexte global de l'affaire elles ne sauraient être considérées comme dépassant les limites admissibles de la liberté d'expression****.* (enfasi ta' din il-Qorti)

Barra minn hekk kif inhuwa risaput, l-Att dwar il-Midja u l-Malafama hija riproduzzjoni kważi *verbatim* tad-Defamation Act (UK) 2013 u għalhekk il-Qorti tqis illi l-insenjament tal-qrati Ingliżi u tal-ġuristi in materja għandu jkun ta' gwida għal din il-Qorti fl-interpretazzjoni tagħha ta' din il-liġi.

Dan stabbilit, il-Qorti sejra tagħmel riferenza għall-kummenti tal-ġuristi Ingliżi in materja.

Il-Gatley jiċċita d-deċiżjoni fil-każ **Hamilton v. Clifford** (2004) EWHC 1542 (QB)[13] fejn ġie ritenut:-

"*The defendant would be entitled to protect his reputation by a proportionate response which was appropriate both in terms of subject matter and scale of publication. In order for a defendant to avail himself of this form of privilege, the response should not*

---

[12] F'dan il-każ ġie deċiż illi d-deċiżjoni tal-qrati domestiċi li jqisu r-risposta pubblikata mill-applikant bħala diffamatorju, kienet tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-jedd protett mill-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni.

[13] Per Eady J. P. 65 – Collins *ibid.* 11.23, p. 234.

*go into irrelevant matters or, in particular, cross over into an attack on the integrity of the claimant if it is not reasonably necessary for defending his own reputation*."

Dan il-privileġġ ġie mistħarreġ f'każ remot **Hunter v Ward** (1859) 6 C.B (N.S.) fejn ġie ritenut:-

"*In such cases* ***no matter how harsh, hasty, untrue or libellous the publication would be but for the circumstances****, the law declares it privileged because the amount of public inconvenience from the restriction of freedom of speech or writing would far out-balance that arising from the infliction of a private injury*."[14] (enfasi ta' din il-Qorti)

F'każ iktar reċenti **Harbour Radio Pty Ltd v. Trad** (2012) HCA 44:-

"*The foundation of the privilege is the necessity of allowing the party attacked free scope to place his case before the body whose judgement the attacking party has sought to affect ... The purpose is to prevent the charges operating to his prejudice. It may be conceded that to impugn the truth of the charges contained in the attack and even the general veracity of the attached, may be a proper exercise of this privilege, if it be commensurate with the occasion.*" [15]

Huwa aċċettat illi l-privileġġ jgħodd minkejja li t-tweġiba jkun fiha fatti jew imputazzjonijiet foloz jew sottomissjonijiet skorretti purche' t-tweġiba tkun relevanti għall-okkażjoni, proporzjonata u ssir mingħajr malizzja. Fil-fatt, huwa ritenut illi l-persuna – bħall-konvenuti fil-każ odjern - li jiddefendu ruħhom kontra attakk bħal dan permezz tal-pubblikazzjoni ta' risposta, tgawdi minn parametri wiesa' fid-difiża tar-reputazzjoni tagħha u hija intitolata li tippubblika risposta robusta anke biex timmina

[14] Gatley *ibid.* P. 618 14.68, jirreferi għall-każ **O'Donoghue v. Hussey** "(where) *it was held that it was a reasonable mode of defence for a person, whose conduct and character had been assailed in a public newspaper, to state publicly that his assailant was known to be a person in the habit of making misstatements*" Vide wkoll **Curran v. Scottish Daily Record and Sunday Mail Ltd** (2011) CSIH 86; 2012 Rep. L.R. 30.

[15] Hawnhekk ġiet ċitata b'approvazzjoni id-deċiżjoni fil-każ **Penton v. Calwell** (1945), HCA 51 (1945) 70 C.L.R. 219.

l-kredibbilita' ta' min ikun immalafamaha u tista' twieġeb iktar minn darba[16]: "*the law does not concern itself with niceties in such matters*"[17].

Ikkunsidrat;

Il-Qorti wara li rat il-provi u x-xhieda, fehmet illi l-konvenuti, il-ġenituri u ħut l-attriċi, ħassewhom aggravati ferm aggravat bil-pubblikazzjoni tal-attriċi, pubblikazzjoni li fiha allegazzjonjiet ta' natura gravi u tal-mistħija li jesponu materji privati u personali tal-familja Calleja u jattakkawlhom ġieħhom u huma ferm imbarazzanti. Taqbel għalhekk illi anke jekk l-attriċi fl-intervista ma għamlitx allegazzjonijiet dwar vjolenza domestika mwettqa fil-konfront tagħha minn Paul Calleja u Elaine Calleja, xorta waħda l-fatt li huma parti mill-familja Calleja, identifikata speċifikatament tramite l-pubblikazzjoni tar-ritratt u l-isem tal-attriċi, huma kienu intitolati jirribattu u jirrejaġixxu għall-istess allegazzjonijiet bil-pubblikazzjoni ta' tweġiba għall-attakk li sar fuq ir-reputazzjoni tal-familja bħala waħda li fi ħdanha titwettaq il-vjolenza domestika b'mod sistematiku.[18]

Għalkemm mix-xhieda jirriżuta li Antonia Calleja ma pparteċipatx fit-tfassil, kitba u pubblikazzjoni tal-istqarrija li saret b'rejazzjoni għall-pubblikazzjoni tal-intervista ta' Melanie Calleja, dan ma jirriżultax minn qari tal-pubblikazzjoni nnifisha. Kemm hu hekk, l-istqarrija impunjata saret mill-"*familja Calleja*" fejn stqarrew fost dikjarazzjonjiet oħrajn: "*Il-membri tal-familja kollha dejjem qagħdu attenti kif jaġixxu magħha.*" Għall-Qorti dan ifisser li l-istqarrija ġiet ippubblikata kollettivament mill-familja Calleja, li tinkludi l-omm il-missier u ħut l-attriċi għaliex ħadd minnhom ma ġie eskluż epsressament mil-istqarrija.

---

[16] Puche' r-risposti jkunu proporzjonati, raġjonevoli u relevanti.

[17] **Turner v. MGM Pictures** – ċitat f'Gatley, *bid.* 14.51. p. 597.

[18] Din id-difiża ġiet ukoll mistħarrġa, fost materji oħrajn, mill-High Court (UK) fid-deċiżjoni reċenti **Shakil-Ur-Rahman v. AYR Network Ltd et**[18] fejn għalkemm id-difiża ġiet respinta fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dik il-kawża, il-Qorti riteniet illi biex stqarrija allegatament diffamatorja titqies bħala *a reply to an attack,* din trid tkun saret b'risposta għall-pubblikazzjoni ta' attakk fuq ir-reputazzjoni tal-konvenut iżda fil-każ li kellha quddiemha, l-kummenti impunjati li kienu saru f'xandira televiżiva, ma setgħux jiġu interpretati bħala risposta għal attakk għaliex kienu saru b'rejazzjoni mhux għal attakk iżda għal proċeduri ġudizzjarji li ġew istitwiti minn terzi u għalhekk, l-unika risposta leġittima fiċ-ċirkostanzi kellha ssir permezz ta' difiża f'dawk l-istess proċeduri u mhux bil-pubblikazzjoni lill-pubbliku in ġenerali ta' stqarrijiet diffamatorji.

Fil-każ in diżamina, il-konvenuti, biex jirribattu l-attakk li sar fuq ir-reputazzjoni tal-familja Calleja bil-pubblikazzjoni tal-intervista tal-attriċi, irrikorrew għall-istess pjattaforma li użat l-attriċi għall-pubblikazzjoni tal-allegazzjonijiet tagħha, ċioe' pubblikazzjoni ta' stqarrija fuq is-sit elettroniku ta' One News. Ma jirriżultax li l-istqarrija b'risposta ġiet imxandra wkoll fuq l-istazzjon televiżiv ta' One News u l-attriċi fir-Rikors qiegħda timpunja biss il-pubblikazzjoni fuq www.one.com.mt. Fi kwalsiasi każ iżda, bl-applikazzjoni tal-prinċipji li jirregolaw id-difiża taħt skrutinju, il-konvenut li jiddefendi ruħu kontra attakk fuq ir-reputazzjoni tiegħu bil-pubblikazzjoni ta' dikjarazzjoni responsiva korrispondenti, għandu jitqies li jkun qed jaġixxi entro l-parametri tal-okkażjoni privileġġjata jekk ir-risposta tilħaq l-istess skala u firxa tal-pubblikazzjoni oriġinali.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ quddiemha, il-Qorti tosserva illi l-istqarrijiet impunjati mill-attriċi mhux biss ġew ippubblikati mill-konvenuti - il-familja tagħha li fil-konfront tagħhom għamlet allegazzjonijiet dwar materji li jappartjenu lill-unit domestiku li fih jgħixu - minnufih biex jiddefendu r-reputazzjoni tal-familja u biex jimminaw il-kredibbilita' tal-attriċi, iżda l-pubblikazzjoni tagħhhom laħqet neċessarjament, firxa inqas ta' udjenza għaliex ġew ippubblikati fuq *medium* wieħed biss u mhux fuq iż-żewġ pjattaformi tal-pubblikazzjoni tal-allegazzjonijiet oriġinali. Għalhekk, ma jistax jingħad li r-risposta tal-konvenuti ġiet ippubblikata lil persuni li ma kellhomx interess jirċievuha[19].

Il-Qorti hija wkoll tal-fehma illi l-istqarrijiet impunjati mill-attriċi huma lkoll relevanti għall-fini ta' risposta għall-attakk fuq ir-reputazzjoni għaliex il-konvenuti wieġbu limitatament biex jiċħdu l-verżjoni tagħha dwar il-vjolenza domestika li kien iseħħ qalb il-familja, biex igiddbu lill-attriċi u jimminaw il-kredibbilita' tagħha, kif ukoll biex jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-mottiv wara l-pubblikazzjoni ta' dawn l-

---

[19] Fir-rigward, Gatley jikkummenta hekk: *"... a person whose character or conduct has been attacked in the public press is entitled to have recourse to the press in his defence and vindication. If, in answering such attack, he makes relevant defamatory statements about the person who has attacked him, such statements are prima facie privileged*." *Ibid.* 14.52. p. 599.

allegazzjonijiet - liema mottiv l-konvenuti jisħqu li jinsab fil-karattru ribelluż tal-attriċi u l-mibgħeda li dejjem uriet lejn ommha u missierha, problemi mentali u għira għal oħtha Elaine Calleja. Għalkemm dawn l-asserzjonijiet dwar il-mottiv tal-attakk jista' ma jkunux veritieri, lanqas m'huma estraneji għat-tema tal-attakk u għalhekk ma jistgħux jitqiesu li jeċċedu l-limiti tal-okkażjoni privileġġjata in diżamina.

Il-Qorti tfakkar illi l-ġurisprudenza paċifika in materja tirritjeni illi anke jekk l-istqarrijiet li jsiru fir-risposta għall-attakk huma foloz u saħansitra diffamatorji, dawn għandhom jibqgħu jitqiesu bħala privileġġjati jekk jintwera li dawn kienu b'mod ġenerali konnessi mat-tema tal-attakk u raġjonevolment meħtieġa għad-difiża tar-reputazzjoni tal-persuna li twieġeb għall-attakk u ma kienux motivati minn malizzja.

Fil-kwadru taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-Qorti ma riskontrat xejn li juri li l-konvenuti ma kienux in buona fede meta ppubblikaw l-istqarrija li qed tiġi impunjata mill-attriċi, jew li aġixxew malizzjożament jew bil-ħsieb li jinġurjaw lill-attriċi u jimmalafamawha. Għall-kuntrarju, huwa manifest illi din l-istqarrija tal-konvenuti kienet intiża speċifikament għad-difiża tal-isem tal-familja Calleja u tal-membri individwali tal-familja li ssemmew fil-pubblikazzjoni f'kuntest negattiv, kif ukoll biex jipprovaw jimminaw l-akkużi tal-vjolenza domestika li l-attriċi allegat li kienet isseħħ f'darhom u b'hekk jilqgħu kontra l-attakk fuq ir-reputazzjoni tal-familja Calleja u jnaqqsu l-potenzjal ta' preġudizzju kkaġunat bil-pubblikazzjoni tal-allegazzjonijiet tal-attriċi.

Konformement, il-Qorti taqbel li l-istqarrija tal-familja Calleja, ippubblikata b'riferenza espressa u speċifika u bħala r-risposta tagħhom għall-allegazzjonijiet tal-attriċi li ġew ippubblikati u mxandra biss jumejn qabel fuq One News u s-sit elettroniku www.one.com.mt, ġiet ippubblikata bħala '*a reply to an attack*' u taqbel li f'dan is-sens, it-tielet eċċezzjoni tagħhom hija f'lokha.

Għalhekk, billi jirriżulta li l-eċċezzjonijiet fil-paragrafi bin-numru tlieta u erbgħa tar-Risposta tal-konvenuti, limitatament in kwantu jistgħu jitfissru fis-sens li l-

pubblikazzjoni impunjata tikkostitwixxi risposta ossia ċaħda ta' allegazzjonijiet malafamanti li saru fil-konfront tagħhom, jirrientraw fil-qafas tad-difiża li d-dikjarazzjoni saret f' okkażjoni privileġġjata imsejħa "*reply to an attack*", din il-Qorti tqis li l-eċċezzjonijiet huma tajba u fondati u sejra tilqagħhom.

Għaldaqstant l-istqarrija impunjata, ippubblikata fuq is-sit elettroniku ta' One News fil-25 ta' Frar 2020, ma tistax titqies bħala diffamatorja fil-konfront tal-attriċi għaliex saret f'okkazjoni privileġġjata.

**Għal dawn il-motivi kollha, filwaqt li tilqa' t-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-konvenuti fir-Risposta tagħhom, biss safejn huma kompatibbli ma' dak hawn deċiż, u tiddikjara li l-istqarrija pubblikata fil-25 ta' Frar 2020 mill-konvenuti fuq is-sit elettroniku www.one.com.mt m'hijiex diffamatorja, tiċħad it-talbiet ta' MELANIE CALLEJA fir-Rikors, bl-ispejjeż jitħallsu mill-attriċi.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**